Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2039

11.9.2026

DEĊIŻJONI (UE) 2026/2039 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-1 ta' Settembru 2026

li tinnomina kapijiet ta' unitajiet ta' ħidma biex jadottaw deċiżjonijiet konġunti dwar il-valutazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru tal-grupp *(BĊE/2026/23)*

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2017/933 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar qafas ġenerali għad-delegazzjoni ta' setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal strumenti legali relatati ma' kompiti superviżorji (BĊE/2016/40) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 5 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2026/2038 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Awwissu 2026 dwar id-delega tas-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet konġunti dwar il-valutazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru tal-grupp (BĊE/2026/21) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Filwaqt li:

(1) Ġiet stabbilita proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet iddelegati speċifiċi biex tindirizza n-numru konsiderevoli ta' deċiżjonijiet illi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irid jadotta għat-twettiq tal-kompiti superviżorji tiegħu.

(2) Deċiżjoni ta' delega hija effettiva mal-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Bord Eżekuttiv li tinnomina kap ta' unità tal-ħidma jew aktar biex jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' deċiżjoni ta' delega.

(3) L-importanza tad-deċiżjoni ta' delega u n-numru ta' indirizzati li lilhom iridu jintbagħtu d-deċiżjonijiet iddelegati għandhom jiġu kkunsidrati mill-Bord Eżekuttiv fin-nomina ta' kapijiet ta' unitajiet ta' ħidma.

(4) L-Artikolu 10.1 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/2 jipprovdi li l-Bord Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar in-numru, l-isem u l-kompetenza rispettiva ta' kull waħda mill-unitajiet ta' ħidma tal-BĊE.

(5) Il-President tal-Bord Superviżorju ġie kkonsultat dwar il-kapijiet ta' unitajiet ta' ħidma li lilhom għandha tiġi ddelegata s-setgħa biex jadottaw deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru tal-grupp li jinvolvu minn tal-inqas entità taħt superviżjoni waħda,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2026/2038 (BĊE/2026/21).

([1]) ĠU L 141, 1.6.2017, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/933/oj.
([2]) ĠU L, 2026/2038, 11.9.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2038/oj.
([3]) ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/257/oj.

Artikolu 2

Deċiżjonijiet iddelegati dwar il-valutazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru tal-grupp

Deċiżjonijiet iddelgati skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2026/2038 (BĊE/2026/21) li jinvolvu entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (16), tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17) ([4]) għandhom jiġu adottati minn wieħed minn dawn il-kapijiet ta' unitajiet ta' ħidma:

(a) id-Direttur Ġenerali jew Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Banek Sistemiċi u Internazzjonali, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp rilevanti taħt superviżjoni titwettaq mid-Direttorat Ġenerali għall-Banek Sistemiċi u Internazzjonali;

(b) id-Direttur Ġenerali jew Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Istituzzjonijiet Universali u Diversifikati, jekk is-superviżjoni tal-entità jew tal-grupp rilevanti taħt superviżjoni titwettaq mid-Direttorat Ġenerali għall-Istituzzjonijiet Universali u Diversifikati;

(c) id-Direttur Ġenerali jew id-Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Istituzzjonijiet Speċjalizzati u Istituzzjonijiet Inqas Sinifikanti, jekk is-superviżjoni tal-entità jew tal-grupp rilevanti taħt superviżjoni titwettaq mid-Direttorat Ġenerali għall-Istituzzjonijiet Speċjalizzati u Istituzzjonijiet Inqas Sinifikanti.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-1 ta' Settembru 2026.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas dwar l-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/468/oj).